

**Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)**

14363/18

**FISC 480
ECOFIN 1058**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Konklużjonijiet tal-Kunsill = Adozzjoni

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta qabel dwar rapport ta' progress mibgħut lill-Kunsill (dok. 14364/18 FISC 481 ECOFIN 1059 + ADD 1 sa 15) u dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet li jakkumpanjaw dan ir-rapport li jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress li sar mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Awstrijaka kif deskritt fir-rapport tiegħu (dok. 14364/18), b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-impenji politiċi ta' livell għoli meħuda mill-ġurisdizzjonijiet fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' elenkar tal-UE;
2. JISTIENI lill-Grupp jissokta bil-ħidma tiegħu fil-qafas tal-pakkett ta' ħidma pluriennali tiegħu għall-2018 (dok. 10420/18);
3. JINNOTA B'SODISFAZZJON l-inizjattivi varji meħuda mill-Grupp biex iżid il-viżibbiltà u t-trasparenza ta' ħidmietu;

4. JILQA' b'mod partikolari l-pubblikazzjoni tad-deskrizzjonijiet u l-valutazzjonijiet finali miftiehma tar-reġimi preferenzjali eżaminati mill-Grupp, inkluż fir-rigward tal-ġurisdizzjonijiet eżaminati fl-2017 għal reġimi ssorveljati mill-Grupp;
5. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo u tal-iżmuntar miftiehma mill-Grupp;
6. JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar;
7. JINNOTA B'SODISFAZZJON il-progress li sar fl-allinjament tas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi tal-Istati Membri mal-approċċ nexus miftiehem u JHEĠĠĠ lill-Istat Membru li fadal biex jikkonforma ma' dan l-approċċ sa tmiem l-2018;
8. JILQA' t-tlestija tal-valutazzjoni tar-reġimi ta' tnaqqis ta' mgħax nozzjonali tal-Istati Membri u JISTIEDEN lill-Grupp jiżviluppa gwida għall-Istati Membri l-oħrajn li jkunu jixtiequ jimplimentaw reġim simili;
9. JISTIEDEN lill-Grupp jiffinalizza d-diskussjonijiet dwar aktar miżuri difensivi kkoordinati fil-qasam tat-taxxa kontra ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi tal-UE u dik internazzjonali;
10. JILQA' l-progress li sar b'rabta mal-kriterju futur 1.4 (skambju ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja) u JISTIEDEN lill-Grupp jiffinalizza d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni wkoll;
11. JAPPROVA l-abbozz ta' gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterju 3.2 li jinsab fl-anness 3 għar-rapport;
12. JAPPROVA l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-eżerċizzju ta' eżami u elenkar tal-UE mill-2020 'il quddiem, li l-Grupp laħaq qbil dwarha;

13. JIEĦU NOTA tal-kwistjonijiet proċedurali u politiċi li tqajmu minn ġurisdizzjonijiet fil-proċess tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji politiċi ta' livell għoli tagħhom;
14. IĦEĠĠEĠ lill-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati jħarsu l-impenji rispettivi tagħhom f'konformità mad-dati ta' skadenza miftiehma;
15. JENFASIZZA d-determinazzjoni tiegħu li jaġġorna l-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal skopijiet ta' taxxa fil-bidu tal-2019;
16. IĦEĠĠEĠ lill-ġurisdizzjonijiet li għadhom ma weġbux biex jagħtu l-kunsens tagħhom għall-pubblikazzjoni tal-ittri ta' impenn tagħhom biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess;
17. JISTIEDEN lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu waqt il-Presidenza Rumena."

2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 14364/18 FISC 481 ECOFIN 1059 + ADD 1-15), flimkien mal-konklużjonijiet kif jinsabu hawn fuq;
- jissuġġerixxi li huwa japprova r-rapport u jadotta l-konklużjonijiet, it-tnejn bħala punti "A" fuq l-aġenda tiegħu.
